**Fjamma ta' tama**

Jitla' il fuq fil-għoli
It-talb tal-imġarrbin,
Lilhom 'l Mulej jisma'
Għax huma l-imnikktin.

Nikktuhom bil-bosta
U qattgħuhom biċċiet,
Għax b'hekk huma ħasbu
Li għamlu l-bravuriet.

Imm'Alla jismagħhom
Lilhom jiddefendi,
Ħalli l-ħażen jieqaf
Ma jibqax jirrendi.

Għalhekk fl-ibgħad imkien
Titla' fjamma ta' talb,
Li tinfed is-sema
Għaliex ħejja mill-qalb.

Hi fjamma sabiħa
Li togħġbob lill-Mulej,
Li jara hu kollox
Ma jħalli xejn għaddej.

Il-ħerqa tat-tama
Għad tirbaħ lill-għadu,
Għax hi kollha mħabba
F'dal-jiem li jingħadu.

Hekk f'dal-Ġublew ħelu
Ta' tama mingħajr qjies,
Se titla' fil-Ġenna
Ħlewwa li ma titqjies.

Għax dil-fjamma tibqa'
Qalb dan l-eħrex tiġrib,
Hija hi li tgħajjat
Lil wisq maħbub tabib.

Li jieqaf mal-merħla
Jalqagħha mill-ħama,
B'hekk arah jeħlisha
Hu l-fjamma ta' tama.

Patri Mario Attard OFM Cap

10 ta’ Jannar 2025

Ibierkek Alla li jista’ kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.